# It-Taljan tal-Karmelitani fl-Imdina

*Kitba ta' Karl Chircop*
*(jissokta)*



*Il-faċċata tal-Kunvent tal-Karmnu ta' l-Imdina.*

**Il-Bibljoteka**

Wara l-Konċilju ta' Trentu, il-Knisja kienet qiegħdha tfittex soluzzjoni għall-problema gravi ta' l-injoranza u n-nuqqas ta' edukazzjoni fost il-kleru. Fil-fatt, fid-dokumenti u fil-kostituzzjonijiet tal-Pirjoli Ġenerali Audet (fl-*Isagogicon*, 1524), Caffardi (1586) u Chizzola (fid-*Decreta*, 1595), insibu li tingħata spinta qawwija lill-formazzjoni tar-reliġjuż li kienet tħalliet fir-responsabbiltà ta' kull kunvent individwali. Kien għalhekk li bdew jinħolqu strutturi qishom seminarji ma' l-Ordni kollu. Għalkemm f'Malta qatt ma nħoloq xi *studium generalium* ta' l-Ordni (bħal dawk ta' Ruma, Trapani, Napli) xorta kien hawn ir-responsabbiltà tal-formazzjoni taħt it-tmexxija ta' diversi patrijiet majjistri tat-Teoloġija

u l-Filosofija. Kull kunvent kellu jkollu surmast tal-grammatika (biex igħallem il-Latin u l-affarijiet bażiċi lin-novizzi ġodda) u surmast tal-professi (biex iħares l-iżvilupp spiritwali u intelletwali tal-professi). Kif wieħed jista' jinduna, il-kunvent ma setax igħaddi mingħajr għajn ta' kotba għall-preparazzjoni ta' dawn l-istudji.

Kemm hija antika l-bibljoteka ta' l-Imdina? Il-kunvent tal-Imdina infetaħ fl-1659 imma l-ewwel dokument li sibt li jsemmi l-bibljoteka huwa inventarju li jmur lura għall-1704. Il-kotba kienu mqassmin f'sitt sezzjonijiet skond is-suġġett: *teologia*, *filosofia*, *morale*, *oratoria*, *espositori* u *miscellanea*. F'dak iż-żmien il-kotba kienu xi 150 u xi wħud kienu anki bl-Ispanjol. Il-parti l-kbira tal-kotba huma bit-Taljan, bil-Latin u xi ftit huma bil-Malti u bl-Ingliż. Meta qallibt il-kotba ndunajt li numru sostanzjali minnhom kienu kollezzjonijiet privati ta' diversi qassissin u nies nobbli. Il-kotba mbagħad kienu jingħataw *post mortem* lill-kunvent bil-kundizzjoni li l-patrijiet iqaddsu għall-intenzjoni tad-donatur ġeneruż. ħafna kotba oħrajn kienu ta' Karmelitani intelletwali tas-sekli sbatax, tmintax u dsatax li kienu jew teoloġi, kanonisti, lawreati jew baċċilliera (p.es. P.M. Andrea Tanti – m.1836, P.M. Benedetto Pastore – m.1785 – u ħafna oħrajn). Xi wħud minn dawn il-kotba jmorru lura għall-bidu tas-seklu sbatax, żmien meta ma kienx għad hawn stamperija f'Malta (l-ewwel waħda fl-1642). Huma numerużi, rari u interessanti l-kotba tal-grammatika Latina u Taljana, tal-letteratura, ta' l-Istorja eċċ. Fil-fatt interessa ruħu f'xi kotba antiki tal-grammatika Taljana studjuż ta' fama internazzjonali fil-kamp tal-Lingwistika: il-Prof. Claudio Marazzini (professur ta' l-istorja tal-Lingwa u Letteratura Taljana fl-Università ta' Udine). Dan meta sar jaf mit-*tutor* tagħna, il-Prof. J.M. Brincat, fuqhiex konna qegħdin naħdmu f'dak il-mument, talab xi ftit tagħrif permezz ta' e-mail. Jien u l-kollega tiegħi ħassejna ruħna onorati bl-interess tiegħu u din il-ġrajja żgħira nibqgħu niftakruha ħajjitna kollha.

Fil-bibljoteka ma nstabux biss kotba imma wkoll manuskritti bil-priedki, bil-paniġierki, bit-trattati personali ta' diversi patrijiet majjistri u bil-poeżiji. Il-priedki u l-paniġierki huma kollha bit-Taljan u jmorru mill-1700 'il quddiem. Sfortunatament l-uniċi żewġ priedki ftit eqdem minn dawn huma waħda kważi illeġġibli minħabba l-istat li tinsab fiha u l-oħra hija kopja fuq negattivi (u mhux microfilm) mill-Arkivju ta l-Istat tal-Vatikan. Is-suġġetti tal-priedki jvarjaw minn priedki



*Il-firma tan-nutar Brandano de Caxaro, aktarx neputi ta' Pietru de Caxaro li kiteb il-famuża Kantilena li hija l-ewwel attestazzjoni miktuba ta' poeżija bil-Malti.*

għar-Randan, għall-festa ta' San Ġużepp, tal-Kunċizzjoni jew xi diskors fl-okkażjoni tal-professjoni ta' xi terzjarja nobbli. Huma ferm interessanti għall-analiżi lingwistika minħabba l-ħafna elementi tipiċi tal-lingwa ta' dak iż-żmien li dejjem joħorġu f'manuskritti bħal dawn. It-trattati personali li nstabu huma fuq il-grammatika Taljana, il-Ġografija, il-Fiżika, it-Teoloġija u fuq l-arti tal-kitba ta' l-ittri uffiċċjali. Dawn huma kollha manuskritti tas-seklu dsatax u l-awturi tagħhom kienu il-P.M. Andrea Tanti u xi oħrajn anonimi. Anki l-poeżiji huma tas-seklu dsatax imma f'ħafna minnhom issib imniżżel li ġew ikkupjati minn xi kotba.

Il-bibljoteka fiha sezzjoni żgħira maqtugħa għaliha li fiha issib kotba Karmelitani: opri u kummentarji ta' teoloġi jew predikaturi Karmelitani u xi ftit volumi fuq il-ħajjiet tal-qaddisin tal-Ordni. Instabu wkoll diversi kopji ta' kotba tat-Teoloġija miktubin jew ikkupjati bl-idejn. Mhux faċli tgħid meta ġew ikkupjati imma d-dati tal-pubblikazzjoni tal-kotba li kkupjaw huma l-1773 u l-1774. Probabilment ma servewx il-kotba għan-novizzi numerużi u qabbduhom jikkupjawhom b'idejhom!